

Brussell, 8 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

10411/23
ADD 1

AG 48
INST 209
JAI 822

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Ġunju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 311 final - Annex 1
Suġġett:	ANNEX tal-LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-QORTI EWROPEA TAL-ĠUSTIZZJA, LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW, LILL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Proposta għal korp interistituzzjonali tal-etika

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 311 final - Annex 1.

Mehmuż: COM(2023) 311 final - Annex 1



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.6.2023
COM(2023) 311 final

ANNEX 1

ANNEX

tal-

**LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL,
LILL-QORTI EWROPEA TAL-ĠUSTIZZJA, LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,
LILL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U
SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Proposta għal korp interistituzzjonali tal-etika

ANNEX

Proposta għal

Ftehim bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Bank Ċentrali Ewropew, il-Qorti tal-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni, li jistabbilixxi Korp Interistituzzjonali għall-Istandards Etiċi għall-Membri tal-Istituzzjonijiet u l-korpi konsultattivi msemmija fl-Artikolu 13 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

L-Artikolu 13(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jipprevedi li l-Unjoni Ewropea “għandha qafas istituzzjonali maħsub sabiex jippromwovi l-valuri tagħha, isegwi l-oġettivi tagħha, iservi l-interessi tagħha, dawk taċ-ċittadini tagħha u dawk tal-Istati Membri, kif ukoll sabiex jassigura l-koerenza, l-effiċjenza u l-kontinwità tal-politika u tal-azzjonijiet tagħha”.

L-istituzzjonijiet Ewropej, fil-missjonijiet rispettivi tagħhom, iridu jibbażaw fuq l-imġiba impekkabbli tal-membri tagħhom. Il-membri jridu jirrispettaw il-prinċipji u l-obbligi etiċi għall-membri individwali tal-istituzzjonijiet stabbiliti fit-Trattati tal-UE kif ukoll ir-regoli li kull istituzzjoni tkun idderivat minnhom.

Sabiex iċ-ċittadini tal-UE jkollhom fiduċja fir-rappreżentanti demokratiċi tagħhom fl-istituzzjonijiet Ewropej u fil-funzjonament tal-istituzzjonijiet, il-membri tal-istituzzjonijiet iridu jissodisfaw l-oġhla standards ta' indipendenza u integrità.

It-Trattati jistabbilixxu obbligi għall-membri tal-biċċa l-kbira tal-istituzzjonijiet u jattribwixxu responsabbiltajiet sabiex jiżguraw l-imġiba xierqa tal-membri tal-istituzzjonijiet fir-rigward tal-indipendenza u l-integrità ta' dawn tal-aħħar. Il-bilanċ istituzzjonali stabbilit mit-Trattati jiżgura kontrokontrolli bejn l-istituzzjonijiet. It-Trattati stabbilew b'mod partikolari proċeduri li jippermettu reazzjoni għal imġiba ħażina ta' membri individwali tal-istituzzjonijiet. Il-biċċa l-kbira tal-istituzzjonijiet għażlu li jimplimentaw dan il-qafas u l-obbligi individwali korrispondenti f'aktar dettall, jew fir-regoli ta' proċedura tagħhom jew f'Kodiċijiet ta' Kondotta għall-membri tagħhom. Id-dispożizzjonijiet rilevanti huma:

Il-Parlament Ewropew

It-Trattati ma jistabbilixxux obbligi etiċi espliċiti tal-Membri tal-Parlament Ewropew jew regoli jew proċeduri espliċiti li għandhom jiġu segwiti f'każ ta' mġiba ħażina etika ta' membru fil-livell tal-UE. Il-Parlament stabbilixxa regoli f'Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Parlament Ewropew li huwa meħmuż mar-Regoli ta' Proċedura tiegħu. L-Artikolu 8 tal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Parlament Ewropew dwar il-proċedura f'każ ta' ksur possibbli tal-Kodiċi ta' Kondotta jipprevedi:

1. Fejn ikun hemm raġunijiet li jagħtu x'wieħed jaħseb li Membru tal-Parlament Ewropew seta' kiser dan il-Kodiċi ta' Kondotta, il-President għandu, ħliet f'każijiet manifestament vessatorji, jinnotifika lill-Kumitat Konsultattiv b'dan.

2. Il-Kumitat Konsultattiv għandu jeżamina ċ-ċirkostanzi tal-ksur allegat, u jista' jisma' l-Membru kkonċernat. Abbażi tal-konstatazzjonijiet tiegħu, għandu jagħmel rakkomandazzjoni lill-President dwar deċiżjoni possibbli.

Fil-każ ta' ksur allegat tal-Kodiċi ta' Kondotta minn membru permanenti jew minn membru ta' riżerva tal-Kumitat Konsultattiv, il-membru jew il-membru ta' riżerva kkonċernati għandu jwaqqaf il-parteeċipazzjoni tiegħu fil-proċedimenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar dak l-allegat ksur.

3. Jekk, fid-dawl ta' din ir-rakkomandazzjoni, u wara li jkun stieden lill-Membru kkonċernat iressaq osservazzjonijiet bil-miktub, il-President jikkonkludi li l-Membru kkonċernat ikun kiser il-Kodiċi ta' Kondotta, huwa għandu jadotta deċiżjoni motivata li tistipula s-sanzjoni. Il-President għandu jgħarraf lill-Membru bid-deċiżjoni motivata.

Is-sanzjoni tista' tikkonsisti f'waħda jew iżjed mill-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 176(4) sa (6) tar-Regoli ta' Proċedura.

4. Il-Membru kkonċernat għandu l-possibbiltà ta' appell intern skont l-Artikolu 177 tar-Regoli ta' Proċedura.

L-Artikolu 176(4) sa (6) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu – Sanzjonijiet

4. Is-sanzjoni tista' tikkonsisti f'miżura waħda jew iżjed minn dawn li ġejjin:

- (a) twissija;
- (b) it-telf tad-dritt għall-allowance ta' sussistenza ta' kuljum għal perjodu ta' bejn jumejn u tletin jum;
- (c) mingħajr preġudizzju għad-dritt għall-vot fil-plenarja, u suġġett, f'dan il-każ, għal konformità stretta mal-istandards ta' kondotta tal-Membri, sospensjoni temporanja mill-parteeċipazzjoni fl-attivitajiet kollha jew uħud minnhom tal-Parlament, għal perjodu ta' bejn jumejn u tletin jum li fihom jiltaqgħu l-Parlament jew kwalunkwe wieħed mill-korpi, kumitati jew delegazzjonijiet tiegħu;
- (d) projbizzjoni għall-Membru milli jirrappreżenta lill-Parlament f'delegazzjoni interparlamentari, konferenza interparlamentari jew kwalunkwe forum interistituzzjonali, għal mhux iżjed minn sena;
- (e) fil-każ ta' ksur tal-kunfidenzjalità, limitazzjoni tad-drittijiet ta' aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali jew klassifikata għal mhux iżjed minn sena.

5. Il-miżuri stipulati fil-punti (b) sa (e) tal-paragrafu 4 jistgħu jiġu rduppjati fil-każ ta' ksur ripetut, jew jekk il-Membru jirrifjuta li jikkonforma ma' miżura meħuda skont l-Artikolu 175(3).

6. Barra minn dan, il-President jista' jippreżenta proposta lill-Konferenza tal-Presidenti għas-suspensjoni jew it-tneħħija tal-Membru minn waħda jew iżjed mill-karigi li dak il-Membru jkollu fil-Parlament, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21.

Il-Kunsill Ewropew

L-Artikolu 15(5) tat-TUE

Il-Kunsill Ewropew għandu jeleġġi l-President tiegħu b'maġġoranza kwalifikata għal perjodu ta' sentejn u nofs, li jista' jiġġedded darba. F'każijiet ta' impediment jew ta' imġiba ħażina serja, l-Kunsill Ewropew jista' jtemm il-mandat tiegħu skont l-istess proċedura.

Il-Kodiċi ta' Kondotta għall-President tal-Kunsill Ewropew jipprevedi regoli ulterjuri għall-imġiba mistennija.

Il-Kunsill

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jikkonsisti f'rappreżentant ta' kull Stat Membru fil-livell ministerjali, li jista' jimpenja lill-gvern tal-Istat Membru inkwistjoni u jivvota għal dan l-Istat Membru (l-Artikolu 16(2) tat-TUE). Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ibbażati fuq l-Artikolu 240(3) tat-TFUE ma jistabbilixxu l-ebda obbligu etiku speċifiku għall-ministri individwali li jirrappreżentaw lill-Istati Membri fil-Kunsill. F'dan ir-rigward huma jibbażaw fuq ir-responsabbiltà u fuq id-deċiżjonijiet interni ta' kull Stat Membru biex jiżgura li l-voti u l-pożizzjonijiet tiegħu jkunu rrappreżentati b'mod korrett fil-Kunsill mill-ministru maħtur u li l-individwu maħtur jikkontribwixxi għall-funzjonament xieraq tal-Kunsill u jirrispetta dan.

Il-Kummissjoni Ewropea

L-Artikolu 245 tat-TFUE

Il-membri tal-Kummissjoni għandhom iżommu lura minn kull azzjoni li tkun inkompatibbli man-natura ta' dmirijiethom. L-Istati Membri għandhom jirrispettaw l-indipendenza tagħhom u m'għandhomx ifittxu li jinfluenzawhom fit-twettiq tal-kompiti tagħhom.

Il-Membri tal-Kummissjoni ma jistgħux, sakemm idumu fil-kariga, jeżerċitaw xi professjoni oħra, kemm bi jew bla qligħ. Meta jidħlu fil-kariga tagħhom, huma jridu jorbtu rwieħhom b'mod solenni li, kemm waqt il-kariga, kif ukoll wara li tintemm il-kariga tagħhom, huma jirrispettaw l-obligazzjonijiet li joħorġu minnha b'mod speċjali id-dmir tagħhom li jgħibu rwieħhom b'integrità, u jeżerċitaw diskrezzjoni meta jaċċettaw, wara li jtemmu l-kariga tagħhom, ċerti ħatriet jew benefiċċji. F'każ ta' xi ksur ta' dawn l-obligazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', fuq talba tal-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza sempliċi, jew tal-Kummissjoni, jiddikjara lill-membri involuti bħala irtirat mill-funzjoni tiegħu skont l-Artikolu 247 jew jiddikjara revokat id-dritt tiegħu għall-pensjoni jew xi benefiċċju ieħor, skont iċ-ċirkostanzi.

Il-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Kummissjoni Ewropea jiddefinixxi u jiċċara l-obbligi applikabbli għall-Membri (ĠU C 65, 21.2.2018, paġna 7 – 20).

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

L-Artikolu 6 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Il-Protokoll Nru 3)

L-Imħallfin jistgħu jiġu mneħħija mill-kariga tagħhom jew miċħuda mid-dritt tagħhom għal pensjoni jew minn vantaġġi oħra minflokha, f'każ biss li, fuq għudizzju unanimu tal-Imħallfin u tal-Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja, ma jkunux iktar fil-pussess tar-rekwiżiti meħtieġa jew ma jissodisfawx iktar l-obbligi tal-kariga tagħhom. L-Imħallf interessat ma jgħid parti f'deliberazzjoni bħal din. Jekk il-persuna kkonċernata tkun membru tal-Qorti Ġenerali jew ta' qorti speċjalizzata, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi wara konsultazzjoni mal-qorti kkonċernata.

Ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja għandu jikkomunika din id-deċiżjoni tal-Qorti lill-President tal-Parlament Ewropew u lill-President tal-Kummissjoni u għandu jgħarraf ukoll lill-President tal-Kunsill.

F'każ ta' deċiżjoni li jitneħħa Mhallel mill-kariga, in-notifika għib post battal fis-sedja.

Il-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri u għall-eks Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jiċċara l-obbligi f'aktar dettall (ĠU C 397, 30.9.2021, p. 1–8).

Il-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea

L-Artikolu 286(5) u (6) tat-TFUE

5. Id-dmirijiet ta' membru tal-Qorti tal-Awdituri jispiċċaw meta huwa jirriżenja, jew ikun imġiegħel jirtira b'xi sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja skont il-paragrafu 6 kif ukoll bit-tibdil normali jew bil-mewt.

6. Membru tal-Qorti tal-Awdituri jista' jitneħħa mill-kariga tiegħu jew jittneħħielu d-dritt tiegħu għall-pensjoni jew benefiċċji oħra minflokha biss jekk il-Qorti tal-Ġustizzja, fuq talba tal-Qorti tal-Awdituri, ssib li m'għadux jissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa, jew li mhux qiegħed jaqdi, l-obbligazzjonijiet tal-kariga tiegħu.

Il-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri u għall-eks Membri tal-Qorti jistabbilixxi l-obbligi f'aktar dettall (ĠU L 128, 2.5.2022, p. 102–113).

Il-Bank Ċentrali Ewropew

L-Artikolu 11(4) tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (il-Protokoll Nru 4) rigward il-Membri tal-Bord Eżekuttiv tiegħu

Jekk membru tal-Bord Eżekuttiv ma jibqax jissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-qadi ta' dmirijietu jew inkella kien ħati ta' mgħiba serjament ħażina, il-Qorti tal-Ġustizzja, tista', wara rikors tal-Kunsill Regolatorju jew tal-Bord Eżekuttiv, iġġiegħlu jirtira.

Kodiċi ta' Kondotta għall-uffiċjali tal-BĊE ta' livell għoli jistabbilixxi l-obbligi etiċi applikabbli għall-membri tal-Kunsill Regolatorju u għall-membri tal-Bord Superviżorju meta jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom bħala membri ta' korp tal-BĊE ta' livell għoli, kif ukoll għall-membri tal-Bord Eżekuttiv (ĠU C 478, 16.12.2022, p. 3–14).

Il-Kumitat tar-Reġjuni

L-Artikolu 300(4) tat-TFUE

Il-membri ... tal-Kumitat tar-Reġjuni m'għandhom ikunu marbuta minn ebda mandat obligatorju. Għandhom jaqdu dmirijietom f'indipendenza sħiħa, fl-interess ġenerali tal-Unjoni.

Il-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (ĠU L 20, 24.1.2020, p. 17–23) jimplimenta aktar din id-dispożizzjoni.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

L-Artikolu 300(4) tat-TFUE

Il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ... m'għandhom ikunu marbuta minn ebda mandat obligatorju. Għandhom jaqdu dmirijietom f'indipendenza sħiħa, fl-interess ġenerali tal-Unjoni.

Ir-Regoli ta' Proċedura u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (ĠU L 149, 31.5.2022, p. 1–54) ikomplu jimplimentaw din id-dispożizzjoni.

B'hekk, it-Trattati stabbilew qafas differenzjat rigward l-obbligi individwali tal-membri tal-istituzzjonijiet u l-proċedura li għandha tiġi segwita f'każ ta' mgħiba ħażina. Il-biċċa l-kbira tal-istituzzjonijiet għażlu li jimplimentaw dan il-qafas u l-obbligi individwali korrispondenti f'aktar dettall. Dawk l-istituzzjonijiet adottaw regoli interni jew fir-regoli ta' proċedura tagħhom jew f'Kodiċijiet ta' Kondotta għall-membri tagħhom u normalment taw lill-President rispettiv tagħhom responsabbiltà speċjali għall-applikazzjoni ta' dawk ir-regoli. Normalment huma stabbilew ukoll korp konsultattiv intern biex jassisti t-teħid tad-deċiżjonijiet tal-istituzzjonijiet rigward dawk l-obbligi individwali kollha tal-membri tagħhom jew uħud minnhom. Bħalissa ma hemm l-ebda mekkaniżmu jew forum biex jiġu diskussi, jew ikkoordinati, dawn il-miżuri interni fost l-istituzzjonijiet, anke f'oqsma fejn hemm similaritajiet kbar bejn l-istituzzjonijiet u l-membri tagħhom. Lanqas ma hemm post uniku fejn ir-regoli u l-miżuri etiċi applikabbli għall-membri tal-istituzzjonijiet kollha huma disponibbli għall-pubbliku.

Il-Linji Gwida Poliċi tal-President tal-Kummissjoni maħruġa fis-16 ta' Lulju 2019 appoġġaw il-ħolqien ta' "korp tal-etika indipendenti komuni għall-istituzzjonijiet kollha tal-UE", bl-għan li tiġi żgurata l-fiduċja fl-istituzzjonijiet tal-UE fir-rigward tal-"etika, it-trasparenza u l-integrità".

Il-Parlament Ewropew ħadem bejn l-2019 u l-2021 fuq rapport fuq inizzjattiva proprja dwar it-tisħiħ tat-trasparenza u l-integrità fl-istituzzjonijiet tal-UE billi stabbilixxa korp tal-etika indipendenti tal-UE. Ir-riżoluzzjoni tiegħu ġiet adottata fis-16 ta' Settembru 2021. Il-Kummissjoni bagħtet tweġiba formali lill-Parlament fit-18 ta' Frar 2022. Riżoluzzjoni sussegwenti li tappella għall-istabbiliment tal-korp tal-etika ġiet adottata fis-16 ta' Frar 2023.

Korp tal-Etika komuni għall-istituzzjonijiet kollha se jippermetti l-iżvilupp ta' standards minimi komuni fir-rigward tal-imġiba tal-membri tal-istituzzjonijiet. B'hekk se joffri, għall-ewwel darba, possibbiltà lill-istituzzjonijiet kollha biex jindirizzaw il-kwistjoni ta' standards etiċi għall-membri tagħhom bħala kwistjoni ta' interess interistituzzjonali komuni. Fir-rigward tal-persunal tal-istituzzjonijiet tal-UE, ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kondizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea diġà daħħlu fis-seħħ sett komprensiv ta' regoli u proċeduri fil-qasam tal-etika u tal-azzjoni dixxiplinari, li huwa applikabbli għall-persunal tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi kollha tal-UE. Dan jiżgura standards u regoli identiċi għas-servizz ċivili kollu tal-UE li jistgħu jiġu ċċarati aktar bir-regoli ta' implimentazzjoni adottati minn kull istituzzjoni. Biex jippermettu t-trasparenza u jippromwovu applikazzjoni konsistenti tar-Regolamenti tal-Persunal, ir-regoli li jimplimentaw ir-Regolamenti tal-Persunal huma kkompilati f'reġistru miżmum mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u huma s-suġġett ta' rapport ippreżentat kull 3 snin mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (l-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal). Dawn l-isforzi huma appoġġati mill-istrutturi u l-mekkaniżmi stabbiliti sew li jiksbu approċċ interistituzzjonali komuni kull meta s-suġġett jitlob dan. Il-Kummissjoni tqis li dawk l-istrutturi u l-mekkaniżmi stabbiliti sew għandhom jeżaminaw, bħala kwistjoni ta' prijetà, spazju għall-kondiviżjoni ta' prattiki tajbin, tagħlimiet meħuda u, fejn meħtieġ, oqsma għal aktar allinjament tar-regoli għall-persunal.

Il-membri tal-persunal huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-ftehim, peress li diġà hemm mekkaniżmi ta' koordinazzjoni interistituzzjonali għal kwistjonijiet etiċi tal-membri tal-persunal. Fil-limiti tar-Regolamenti tal-Persunal u permezz tal-Kulleġġ tal-Kapijiet ta' Amministrazzjoni, il-Partijiet għal dan il-ftehim għandhom jimpenjaw ruħhom li jagħmlu hilitom għal livell ekwivalenti ta' standards għal dawk adottati mill-Korp fir-rigward tad-Diretturi Ġenerali u ekwivalenti.

Tali mekkaniżmi interistituzzjonali formali u standards komuni għall-persunal, madankollu, ma jeżistux għall-membri tal-istituzzjonijiet, u dan huwa preċiżament fejn jinsab il-valur miżjud ta' Korp tal-Etika li jkopri l-membri tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE u tal-korpi konsultattivi.

Is-setgħat tat-tehd tad-deċiżjonijiet għall-adozzjoni u l-applikazzjoni tar-regoli etiċi interni ta' kull istituzzjoni għandhom jibqgħu fl-istituzzjonijiet rispettivi. L-applikazzjoni tar-regoli interni hija r-responsabbiltà primarja ta' kull istituzzjoni li tiġi eżerċitata fis-sistema tal-bilanċ istituzzjonali bil-kontrolli tagħha stabbiliti mit-Trattati. L-istituzzjonijiet ma jistgħux jirrinunzjaw milli jeżerċitaw is-setgħat rispettivi tagħhom li huma fdati lilhom mit-Trattati. Ma jistgħux jiddelegaw ir-responsabbiltà għall-imġiba tal-membri tagħhom u l-prerogattiva tagħhom li jirreaġixxu għall-ksur tar-regoli etiċi minn membri individwali. Madankollu, bis-saħħa tal-awtonomija amministrattiva tagħhom, huma jistgħu jiddeċiedu li jistabbilixxu u jikkondividu l-assistenza ta' korp konsultattiv fl-iżvilupp ta' standards minimi komuni għall-imġiba etika ta' membri individwali u fi kwistjonijiet li jikkonċernaw it-tnejn tar-regoli u l-proċeduri etiċi interni rispettivi tagħhom rigward il-membri tagħhom.

L-istabbiliment ta' dan il-Korp mhux se jinterferixxi mal-funzjonijiet investigattivi, jew jillimitahom b'xi mod, u għalhekk mhux se jikkoinċidi mas-setgħat rispettivi tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi, tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, tal-pulizija nazzjonali u tal-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni u tal-Ombudsman Ewropew.

Dan il-Ftehim huwa mingħajr preġudizzju għall-Ftehim Interistituzzjonali tal-2021 dwar Reġistru ta' Trasparenza mandatorju konkluż bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni kif ukoll għall-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni dwar l-investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi.

Sabiex tiġi żgurata s-sjieda u jiġi pprovdut valur miżjud, dan il-Korp għandu jkun struttura komuni għall-istituzzjonijiet u għall-korpi konsultattivi kollha u jipprovdihom gwida u assistenza permezz ta' pariri dwar kwistjonijiet u b'modi miftiehma minnhom.

Sabiex timplimenta l-impenn tagħha li tappoġġa l-ħolqien ta' korp tal-etika komuni għall-istituzzjonijiet u l-korpi konsultattivi kollha, il-Kummissjoni tipproponi dan il-ftehim bejn dawn l-istituzzjonijiet u l-korpi konsultattivi, li se jintbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġuni. Fl-ispirtu ta' kooperazzjoni sinċiera, huwa importanti li jintlaħaq ftehim interistituzzjonali mill-aktar fis possibbli, u f'tali żmien sabiex il-korp tal-etika jkun jista' jiġi stabbilit qabel l-elezzjonijiet Ewropej li jmiss. Fuq talba tiegħu, il-Bank Ewropew tal-Investment jista' wkoll isir Parti sħiħa għal dan il-Ftehim wara li jidħol fis-seħħ. Għandu jsir Parti għal dan il-Ftehim mid-data li jaħtar rappreżentant fil-Korp tal-Etika. Kwalunkwe standard li jista' jiġi żviluppat mill-Korp tal-Etika qabel is-sħubija effettiva tal-Bank Ewropew tal-Investment għandu japplika bis-sħiħ għalih.

Il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, għajr l-istituzzjonijiet parteċipanti, jistgħu volontarjament ikunu jixtiequ japplikaw is-sett kollu ta' standards komuni kurrenti jew futuri żviluppati mill-Korp tal-Etika għar-regoli applikabbli għall-persuni, minbarra l-membri tal-persunal tagħhom, li għandhom funzjoni simili għal dawk li jaqgħu taħt dan il-ftehim. F'dan il-każ, huma se jieħdu sehem fi skambju ta' fehmiet mal-membri tal-Korp tal-Etika dwar ir-regoli interni rispettivi tagħhom relatati ma' oqsma fejn ġew żviluppati l-istandards. Huma se jaħtru rappreżentant għall-finijiet ta' dak l-iskambju partikolari ta' fehmiet. L-istess skambju ta' fehmiet se jseħħ meta jiġu żviluppati standards ġodda jew meta jiġu aġġornati dawk eżistenti.

Ftehim bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Bank Ċentrali Ewropew, il-Qorti tal-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni, li jistabbilixxi Korp Interistituzzjonali għall-Istandards Etiċi għall-Membri tal-Istituzzjonijiet u l-korpi konsultattivi msemmija fl-Artikolu 13 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea

IL-PARLAMENT EWROPEW,

IL-KUNSILL EWROPEW,

IL-KUNSILL,

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA,

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

IL-QORTI TAL-AWDITURI,

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW,

U L-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

Billi:

- (1) L-għan ta' dan il-Ftehim huwa li jistabbilixxi Korp Interistituzzjonali għal Standards Etiċi għall-membri tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u għall-korpi konsultattivi elenkati fl-Artikolu 13(1) u (4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("il-Korp"). Fuq talba tiegħu, il-Bank Ewropew tal-Investment jista' wkoll isir parti sħiħa għal dan il-Ftehim wara li jidħol fis-seħħ.
- (2) Il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, minbarra l-partijiet għal dan il-ftehim, jistgħu jagħżlu li japplikaw is-sett kollu ta' standards minimi komuni kurrenti u futuri żviluppat mill-Korp għar-regoli applikabbli għall-persuni, minbarra l-membri tal-persunal tagħhom, li għandhom funzjoni simili għal dawk li jaqgħu taħt dan il-Ftehim.
- (3) Il-funzjonament tal-Korp ma għandux jaffettwa l-kompetenzi ta' kwalunkwe waħda mill-partijiet kif stabbilit fit-Trattati jew jaffettwa s-setgħat rispettivi tagħhom ta' organizzazzjoni interna jew is-sistema ta' kontrokontrolli stabbilita mit-Trattati. Lanqas ma għandu jaffettwa s-setgħat tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) li għandu setgħat u għarfien espert sinifikanti fl-investigazzjoni ta' ksur serju tad-dmirijiet professjonali tal-membri. L-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kollha għandhom jirrikonoxxu u jappoġġaw bis-sħiħ il-mandat tal-OLAF.
- (4) L-effettività tal-Unjoni kollha kemm hi tibbaża fuq il-leġittimità tagħha, filwaqt li l-leġittimità tagħha min-naħa tagħha tibbaża fuq il-fiduċja taċ-ċittadini tagħha. L-etika, l-integrità u t-trasparenza huma essenzjali biex tinżamm il-fiduċja taċ-ċittadini tal-Unjoni fil-ħidma politika, leġiżlattiva u amministrattiva tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.
- (5) Il-membri tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u tal-korpi konsultattivi għandhom responsabbiltà partikolari li jirrispettaw u jinkorporaw bis-sħiħ il-prinċipji u l-obbligi etiċi stabbiliti fit-Trattati kif ukoll mir-regoli li kull istituzzjoni ħarġet minnhom.
- (6) Mhux biss huwa importanti li l-istituzzjonijiet u l-korpi konsultattivi kollha tal-Unjoni jistabbilixxu u japplikaw regoli ċari u trasparenti iżda wkoll li għandhom l-istess sett ta'

standards minimi ta' integrità u indipendenza kif ukoll mekkaniżmi biex jiżguraw il-konformità mar-regoli etiċi rispettivi tagħhom.

- (7) Għaldaqstant, il-kompiti tal-Korp għandhom ikunu li jiżviluppa standards minimi komuni f'għadd definit ta' oqsma, li jiskambja fehmiet dwar l-awtovalutazzjoni magħmula minn istituzzjoni jew korp konsultattiv dwar l-allinjament tar-regoli interni tiegħu ma' daww l-istandards żviluppati u li jrawwem il-kooperazzjoni interistituzzjonali f'dan il-qasam.
- (8) L-iskambju ta' fehmiet, abbażi ta' awtovalutazzjoni, għandu japplika wkoll għall-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, minbarra l-partijiet, li volontarjament jagħżlu li japplikaw is-sett kollu ta' standards minimi komuni. Għal dak il-għan, għandhom jaħtru rappreżentant għall-finijiet tal-iskambju ta' fehmiet.
- (9) Kull parti għandha tistinka biex tiżgura l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-ħatra tar-rappreżentanti sħaħ u sostituti tagħha fil-Korp. Il-kompożizzjoni kumplessiva tal-Korp, li tinkludi l-Membri (sħaħ u sostituti) tiegħu, inkluż il-President tiegħu, kif ukoll l-esperti indipendenti għandha tirsisti għall-bilanċ bejn il-ġeneri.
- (10) Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jipprevjeni lil parti milli timponi rekwiżiti aktar stretti għall-membri tagħha, b'mod partikolari b'kunsiderazzjoni ta' riskju speċifiku assoċjat mal-mandat u mal-kompiti tal-parti jew tal-membri tagħha.
- (11) Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu, fi kwalunkwe ċirkostanza, jikkostitwixxi raġuni għat-tnaqqis tal-istandards diġà applikati minn parti fil-kwistjonijiet koperti minn dan il-Ftehim.
- (12) Il-partijiet għandhom dejjem jaġixxu f'kooperazzjoni sinċiera reċiproka fl-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.
- (13) Dan il-Ftehim huwa ffirmat mill-partijiet wara t-tlestija tal-proċeduri interni rispettivi tagħhom għal dak il-għan,

JAQBLU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan il-Ftehim jistabbilixxi Korp Interistituzzjonali għall-Istandards Etiċi ("il-Korp") għall-membri tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni Ewropea, tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, tal-Bank Ċentrali Ewropew, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u tal-Kumitat tar-Regġuni ("il-partijiet"). Dan jistabbilixxi wkoll il-qafas u l-prinċipji operatorji tiegħu.
2. Fuq talba tiegħu, il-Bank Ewropew tal-Investment għandu wkoll isir parti sħiħa għal dan il-Ftehim. Il-parteċipazzjoni tiegħu fil-Korp għandha tidħol fis-seħħ mid-data li jaħtar rappreżentant fil-Korp, f'konformità mal-Artikolu 3. Kwalunkwe standard minimu komuni li jista' jiġi żviluppat mill-Korp qabel il-parteċipazzjoni effettiva tal-Bank Ewropew tal-Investment għandu japplika bis-sħiħ għalih.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, "membri tal-partijiet" tfisser:
 - (a) il-membri tal-Parlament Ewropew;
 - (b) il-President tal-Kunsill Ewropew;
 - (c) ir-rappreżentanti fil-livell ministerjali tal-Istat Membru li jkollu l-Presidenza tal-Kunsill;
 - (d) il-membri tal-Kummissjoni Ewropea;
 - (e) il-membri tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;
 - (f) il-membri tal-Qorti tal-Awdituri;
 - (g) il-membri tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew kif ukoll il-Membri tal-Kunsill Regolatorju u tal-Bord Superviżorju meta jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom;
 - (h) il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew;
 - (i) Il-membri tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni.
2. F'każ li l-Bank Ewropew tal-Investment isir parti, f'konformità mal-Artikolu 1(2), id-definizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tiġi estiża biex tkopri l-membri tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-Bank Ewropew tal-Investment kif ukoll il-Membri tal-Bord tad-Diretturi meta jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom.

Artikolu 3

Membri tal-Korp

1. Kull parti għandha tkun irrappreżentata fil-Korp minn membru wieħed. Għal dak il-għan, kull parti għandha taħtar rappreżentant sħiħ u rappreżentant sostitut li għandu jkun preżenti bħala membru tal-Korp meta r-rappreżentant sħiħ ikun assenti jew impedit. Ir-rappreżentanti sħaħ u sostituti għandhom jinħatru għal massimu ta' xahrejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim. Kull parti għandha tagħmel ħilitha biex tiżgura l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-ħatra tar-rappreżentanti sħaħ u sostituti tagħha.
2. Ir-rappreżentant sħiħ tal-Korp għandu, fil-prinċipju, ikun fil-livell ta' Viċi President jew f'livell ekwivalenti.
3. Kull parti għandu jkollha d-diskrezzjoni sħiħa li tipproċedi bis-sostituzzjoni tar-rappreżentant sħiħ jew sostitut tagħha, filwaqt li dejjem tirsisti biex tiżgura l-parità bejn il-ġeneri fost ir-rappreżentanti sħaħ u sostituti. Fi kwalunkwe każ, it-terminu tar-rappreżentant sħiħ jew sostitut għandu jintemm awtomatikament:

- (a) meta r-rappreżentant ma jibqax fil-kariga fl-istituzzjoni tal-Unjoni jew fil-korp konsultattiv li huwa jirrappreżenta;
- (b) fi kwalunkwe każ 5 snin wara l-ewwel ħatra bħala rappreżentant sħiħ jew sostitut.

Artikolu 4

President

1. Kull parti għandha tippresjedi l-Korp fuq bażi ta' rotazzjoni għal terminu ta' sena. Ir-rotazzjoni għandha ssegwi l-ordni tal-istituzzjonijiet stabbilit fl-Artikolu 13(1) tat-Trattat. Ladarba l-lista fl-Artikolu 13(1) tat-Trattat tkun ġiet eżawrita, ir-rotazzjoni għandha tkompli biż-żewġ korpi konsultattivi msemija fl-Artikolu 13(4) tat-Trattat. Imbagħad għandha tkompli bil-Bank Ewropew tal-Investment jekk isir parti f'konformità mal-Artikolu 1(2).
2. Il-President għandu jorganizza l-ħidma tal-Korp, filwaqt li jiżgura li jittieħdu l-miżuri organizzazzjonali u proċedurali xierqa u li l-informazzjoni u d-dokumenti kollha meħtieġa jinġiebu għall-attenzjoni tal-membri kollha tal-Korp.

Artikolu 5

Esperti indipendenti

1. Il-Korp għandu jkun assistit minn ħames esperti indipendenti li għandhom jattendu l-laqgħat kollha tal-Korp bħala osservaturi u għandhom jagħtu pariri lill-membri tal-Korp dwar kwalunkwe kwistjoni etika relatata mal-mandat tal-Korp.
2. L-esperti indipendenti għandhom jinħatru bi ftehim komuni tal-partijiet fid-dawl tal-kompetenza, l-esperjenza, l-indipendenza u l-kwalitajiet professjonali tagħhom. Għandu jkollhom rekord impekkabbli ta' mgħiba professjonali kif ukoll ta' esperjenza f'funzjonijiet ta' livell għoli f'organizzazzjonijiet pubbliċi Ewropej, nazzjonali jew internazzjonali. Dawn għandhom jinħatru, wara proċedura li għandha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn 3 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.
3. L-esperti indipendenti għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni dwar in-nuqqas ta' kunflitti ta' interess. Jekk l-awtorità awtorizzata biex tikkonkludi kuntratti ta' impjeg tidentifika kunflitt ta' interess, hija għandha tfittex l-opinjoni tal-Korp.
4. Meta jaħtru esperti indipendenti, il-partijiet għandhom jagħmlu hilitom biex jiżguraw bilanċ bejn il-ġeneri.
5. It-terminu tal-esperti indipendenti għandu jkun ta' 3 snin, li jista' jiġġedded darba. Jekk espert indipendenti jieqaf mill-kariga qabel it-tlestija tal-mandat ta' 3 snin, il-partijiet għandhom jaħtru bi ftehim komuni membru ġdid għal 3 snin.
6. L-esperti indipendenti għandhom jirċievu l-istatus ta' Konsulent Speċjali mill-Kummissjoni u għandhom ikunu marbuta b'mod amministrattiv mal-Kummissjoni. Dawn għandhom jiġu rimborsati għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni li jġarrbu meta jwettqu

dmirijiethom. Huma għandhom jirċievu gratifika għal kull jum tax-xogħol ikkalkolata abbażi tar-remunerazzjoni ta' uffiċjal tal-Unjoni fil-grad AD12.

Artikolu 6

Mandat

1. Il-Korp għandu jikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' kultura komuni ta' etika u trasparenza fost il-partijiet, b'mod partikolari billi jiżviluppa standards minimi komuni għall-partijiet għall-imġiba tal-membri tagħhom ("l-istandards") u billi jrawwem l-iskambju tal-aħjar prattiki dwar il-kwistjoni.
2. Il-kompiti tal-Korp għandhom ikunu kif ġej:
 - (a) li jiżviluppa standards għall-imġiba tal-membri tal-partijiet, fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 7;
 - (b) li jaġġorna l-istandards, f'konformità mal-Artikolu 8;
 - (c) li jorganizza skambji ta' fehmiet abbażi tal-valutazzjoni magħmula minn kull parti jew korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni involuti b'mod volontarju tal-allinjament tar-regoli interni tagħha mal-istandards, f'konformità mal-Artikoli 9 u 19 rispettivament;
 - (d) li jippromwovi l-kooperazzjoni fost il-partijiet dwar kwistjonijiet ta' interess komuni relatati mar-regoli interni tagħhom dwar l-imġiba tal-membri tagħhom kif ukoll skambji ma' kwalunkwe organizzazzjoni Ewropea, nazzjonali jew internazzjonali oħra li l-ħidma tagħha hija rilevanti għall-istabbiliment tal-istandards;
 - (e) li joħroġ rapport annwali, f'konformità mal-Artikolu 17.
3. Il-funzjonament tal-Korp ma għandux jaffettwa l-kompetenzi tal-partijiet jew jaffettwa s-setgħat rispettivi tagħhom ta' organizzazzjoni interna. B'mod partikolari, il-Korp ma għandux ikun kompetenti fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regoli interni ta' parti għal każijiet individwali.

Artikolu 7

Żvilupp ta' standards minimi komuni

1. Il-Korp għandu jiżviluppa standards għall-imġiba tal-membri tal-partijiet kollha. L-istandards għandhom jiġu żviluppati fil-qafas tal-obbligi imposti fuq il-membri tal-partijiet mit-Trattati u għandhom iqisu n-natura tal-mandat jew tal-uffiċċju pubbliku tagħhom kif ukoll il-partikolaritajiet ta' kull parti. L-istandards ma għandhomx jaffettwaw is-sistema ta' kontrokontrolli stabbilita mit-Trattati.
2. L-istandards għandhom ikunu relatati mal-kwistjonijiet li ġejjin:
 - (a) interessi u assi li għandhom jiġu ddikjarati mill-membri tal-partijiet;
 - (b) l-attivitajiet esterni tal-membri tal-partijiet matul il-mandati tagħhom;

- (c) l-aċċettazzjoni ta' rigali, ospitalità, vjaġġar offrut lill-membri tal-partijiet matul il-mandat tagħhom minn partijiet terzi;
 - (d) l-aċċettazzjoni ta' għotjiet, dekorazzjonijiet, premjijiet u unuri mill-membri tal-partijiet matul il-mandat tagħhom;
 - (e) l-attivitajiet tal-membri tal-partijiet wara t-tmiem tal-mandat tagħhom;
 - (f) il-kundizzjonalità u l-miżuri ta' trasparenza komplementari skont it-tifsira u l-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 dwar reġistru ta' trasparenza obbligatorju¹, b'mod partikolari fir-rigward tal-laqgħat tal-membri tal-partijiet b'rappreżentanti ta' gruppi ta' interess kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (a), ta' dak il-Ftehim.
3. Il-Korp għandu jiżviluppa wkoll standards minimi komuni fir-rigward ta':
- (a) proċeduri ġenerali stabbiliti mill-partijiet biex jiżguraw u jimmonitorjaw il-konformità mar-regoli interni tagħhom fl-oqsma msemmija fil-paragrafu 2, inklużi azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni, il-kompożizzjoni u l-kompiti tal-korpi interni dwar kwistjonijiet etiċi, mekkaniżmi ta' rapportar lill-parti kkonċernata f'każ ta' suspett ta' ksur tar-regoli, inkluża azzjoni ta' segwitu dwar ir-rapport u l-protezzjoni tal-persuni li jirrapportaw kontra r-ritaljazżjoni, inkluż fir-rigward ta' każijiet ta' fastidju li jinvolvu membri tal-partijiet, u proċeduri biex jinbdew jew jiġu adottati sanzjonijiet f'każ ta' ksur.
 - (b) rekwiżiti ta' pubbliċità tal-informazzjoni miġbura fl-oqsma msemmija fil-paragrafu 2.
4. Jistgħu jiġu żviluppati aktar standards minimi komuni f'oqsma oħra minbarra dawk elenkati taħt il-paragrafi 2 u 3 jekk il-partijiet kollha jaqblu.
5. Il-membri tal-Korp għandhom jaqblu fuq l-istandards b'konsens fi spirtu ta' kooperazzjoni sinċiera.
6. Il-membri tal-Korp għandhom jaqblu fuq l-istandards fi żmien 6 xhur wara l-ħatra tal-membri u tal-esperti indipendenti, f'konformità mal-Artikoli 3(1) u 5(2), u wara li jieħdu deċiżjoni dwar l-iżvilupp ta' standards ġodda skont il-paragrafu (4).
7. L-istandards għandhom jiġu formalizzati bil-miktub u, filwaqt li titqies l-awtonomija ta' kull parti, għandhom jiġu kkomunikati lill-partijiet kollha. Il-partijiet jimpenjaw ruħhom li jimplimentawhom fir-regoli interni tagħhom dwar l-imġiba tal-membri tagħhom. L-istandards għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-Korp imsemmi fl-Artikolu 18.

Artikolu 8

Aġġornament tal-istandards minimi komuni

¹ ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1.

1. Il-Korp għandu jivvaluta l-ħtieġa ta' aġġornament tal-istandards eżistenti fejn membru wieħed jew aktar tal-Korp iqisu li tali rieżami huwa meħtieġ.
2. Rieżami jista' jitqies meħtieġ b'mod partikolari minħabba żviluppi fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, standards etiċi ġodda jew modifikati minn organizzazzjonijiet internazzjonali, żviluppi tekniċi ġodda jew minħabba l-ħtieġa għal kjarifika tal-istandards eżistenti bħala riżultat ta' kwistjonijiet rikorrenti.
3. L-Artikolu 7(5) u (7) għandu japplika għall-aġġornament tal-istandards eżistenti.

Artikolu 9

Skambju ta' fehmiet dwar l-awtovalutazzjonijiet tal-partijiet

1. Kull parti għandha twettaq awtovalutazzjoni bil-miktub tar-regoli interni tagħha u l-allinjament tagħhom mal-istandards żviluppati f'konformità mal-Artikolu 7, u ma' kwalunkwe aġġornament għall-istandards eżistenti magħmul f'konformità mal-Artikolu 8.
2. Kull parti għandha tikkonkludi l-awtovalutazzjoni fi żmien massimu ta' 4 xhur wara l-adozzjoni ta' standard jew l-aġġornament tiegħu.
3. L-awtovalutazzjoni għandha tiġi ppreżentata mill-parti kkonċernata lil laqgħa tal-Korp.
4. L-esperti indipendenti għandhom jistabbilixxu opinjoni bil-miktub dwar kull awtovalutazzjoni, fi żmien xahrejn minn meta jirċevuha. Meta l-opinjoni tal-esperti ma tiġix adottata b'mod unanimu, l-opinjoni għandha tinkludi kwalunkwe perspettiva kuntrarja. Id-deliberazzjonijiet tal-esperti għandhom ikunu kunfidenzjali.
5. Fi żmien xahrejn minn meta jirċievi l-opinjoni bil-miktub imsemmija fil-paragrafu 4, il-Korp għandu jkollu skambju ta' fehmiet, abbażi tal-awtovalutazzjoni u tal-opinjoni bil-miktub.
6. Is-Segretarjat għandu jħejji rapport li jiġbor fil-qosor l-iskambju ta' fehmiet imsemmi fil-paragrafu 5 u li jkun fih kummenti ta' konklużjoni. Il-Korp jista' jemenda r-rapport qabel l-approvazzjoni. Huwa għandu japprova r-rapport b'konsens fi żmien ix-xahrejn imsemmija fil-paragrafu 5. L-opinjoni tal-esperti indipendenti għandha tiffirma parti mir-rapport.
7. Kull parti għandha taġġorna r-regoli interni tagħha fi kwalunkwe punt wara l-adozzjoni għall-istandards mill-Korp u mhux aktar tard minn 4 xhur wara l-approvazzjoni tar-rapport mill-Korp.
8. La l-iskambju ta' fehmiet imsemmi fil-paragrafu 5, u lanqas ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 6 ma għandu jkollhom xi effett vinkolanti jew legali.
9. L-awtovalutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u r-rapport imsemmi fil-paragrafu 6 għandhom jiġu ppubblikati f'konformità mal-Artikolu 18.

Artikolu 10

Skambju ta' prattiki tajbin

1. Il-Korp għandu jkollu laqgħa annwali ddedikata speċifikament għal kwistjonijiet ta' interess komuni fil-qasam tal-etika u l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn il-partijiet.
2. Fil-laqgħa msemmija fil-paragrafu 1, il-Korp jista' jistieden rappreżentanti ta' kwalunkwe organizzazzjoni pubblika nazzjonali, Ewropea jew internazzjonali oħra li x-xogħol tagħha jitmien rilevanti għall-istabbiliment tal-istandards.

Artikolu 11

Laqgħat

1. Il-laqgħat għandhom jissejju mill-President.
2. Minbarra l-laqgħat imsemmija fl-Artikoli 7 sa 10, il-President jista', fuq inizjattiva tiegħu jew tagħha stess jew fuq talba ta' kwalunkwe parti u fi żmien xahar minn meta jirċievi din it-talba, ilaqqat laqgħat addizzjonali biex jiġu diskussi kwistjonijiet ta' interess komuni.

Artikolu 12

Proċedura għall-kunflitti ta' interess

1. Il-membri tal-Korp u l-esperti indipendenti għandhom jiddikjaraw minnufih lill-President kwalunkwe ċirkostanza li tista' tfixxkel jew li tista' titqies li tfixxkel l-indipendenza jew l-imparzjalità tagħhom meta jwettqu l-kompiti tagħhom fil-Korp.
2. Meta ssir dikjarazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1:
 - (a) il-membri kkonċernat għandu jiġi sostitwit mis-sostitut tiegħu sakemm il-membri ma jkunx jista' jipparteċipa fil-ħidma tal-Korp. Meta d-dikjarazzjoni ssir mill-President, huwa jew hija għandu jiġi sostitwit temporanjament mill-membri li f'dak iż-żmien ikun jirrappreżenta l-istituzzjoni li jkun imissha l-Presidenza ta' wara skont ir-rotazzjoni ddefinita fl-Artikolu 4(1);
 - (b) l-espert indipendenti kkonċernat għandu jibqa' lura milli jipparteċipa fl-iskambji mal-esperti l-oħra sakemm is-sitwazzjoni tal-kunflitt tippersisti.

Artikolu 13

Regoli ta' proċedura

1. Il-Korp għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li għandhom ikunu pubbliċi, fi żmien 3 xhur wara l-ħatra tal-membri u tal-esperti indipendenti.
2. Ir-Regoli ta' Proċedura għandhom jagħtu dettalji dwar l-arranġamenti meħtieġa biex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim tkun effettiva.

Artikolu 14

Rimbors tal-ispejjeż

Kwalunkwe spiża mġarrba minn membru tal-Korp jew is-sostitut tiegħu b'rabta mad-dmirijietu fil-Korp għandha tkun koperta mill-parti li għaliha jappartjenu.

Artikolu 15

Segretarjat

1. Is-Segretarjat għandu jkun struttura operazzjonali konġunta stabbilita għall-ġestjoni tal-funzjonament tal-Korp. Dan għandu jkun magħmul mill-kapijiet ta' unità, jew ekwivalenti, responsabbli għar-regoli tal-etika għall-membri f'kull parti ("kapijiet ta' unità") u l-persunal rispettiv tagħhom.
2. Is-Segretarjat għandu jkun ospitat formalment fil-Kummissjoni u jopera taħt il-koordinazzjoni tal-kap ta' unità li, fil-Kummissjoni, ikun responsabbli għar-regoli tal-etika għall-membri tal-Kummissjoni, jew uffiċjal maħtur speċifikament għal dak il-għan mill-Kummissjoni bi qbil mal-partijiet l-oħra (il-"koordinatur"). Il-koordinatur għandu jirrappreżenta lis-Segretarjat u jissorvelja x-xogħol tiegħu ta' kuljum, fl-interess komuni tal-partijiet.
3. Is-Segretarjat għandu:
 - (a) jirrapporta lill-Korp, iħejji l-laqgħat tiegħu, jipprovdi assistenza operazzjonali fil-kompiti tiegħu u jħejji r-rapport imsemmi fl-Artikolu 9(6);
 - (b) iħejji l-abbozz tar-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 17;
 - (c) iwettaq kwalunkwe attività oħra meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva ta' dan il-Ftehim;
 - (d) jidderieġi l-korrispondenza kollha mal-Korp li tasal u li tintbagħat lill-President tiegħu u/jew lill-parti kkonċernata mill-korrispondenza.

Artikolu 16

Riżorsi

1. Il-partijiet għandhom jimpenjaw ruħhom permezz ta' memorandum ta' qbil bejn is-Segretarji Ġenerali tagħhom, jew id-detenturi ta' uffiċċju ekwivalenti, li għandu jiġi miftiehem fi żmien 3 xhur wara l-ħatra tal-membri u tal-esperti indipendenti, biex jagħmlu disponibbli r-riżorsi umani, amministrattivi, tekniċi u finanzjarji meħtieġa, inkluż persunal adegwat għas-Segretarjat, sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' dan il-Ftehim.
2. Il-partijiet għandhom jaqsmu ugwalment il-kostijiet relatati mal-esperti indipendenti msemmija fl-Artikolu 5. Huma għandhom jipprovdu kumpens finanzjarju annwali lill-Kummissjoni fil-bidu tas-sena finanzjarja.

3. Kwalunkwe talba mill-Korp li teħtieġ nefqa amministrattiva addizzjonali ta' natura eċċezzjonali għandha tiġi indirizzata lill-partijiet li għandhom jirrieżaminaw u japprovaw it-talbiet baġitarji tal-Korp fuq bażi annwali f'konformità mar-regoli u l-proċeduri interni rispettivi tagħhom.

Artikolu 17

Rapport annwali

1. Il-Korp għandu jadotta b'konsens rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Korp matul is-sena preċedenti, wara diskussjoni fil-laqgħa msemmija fl-Artikolu 10.
2. Ir-rapport annwali għandu jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-Korp.

Artikolu 18

Sit web

1. Il-Korp għandu jiġġestixxi sit web li fih l-informazzjoni kollha rilevanti għall-attivitajiet tiegħu għandha tkun disponibbli għall-pubbliku.
2. Is-sit web għandu, b'mod partikolari, ikun fih dan li ġej:
 - (a) il-kompożizzjoni tal-Korp, il-kalendarju tal-laqgħat tiegħu u l-aġendi tal-laqgħat;
 - (b) l-istandards żviluppati f'konformità mal-Artikolu 7 u, fejn applikabbli, aġġornati f'konformità mal-Artikolu 8;
 - (c) l-awtovalutazzjonijiet u r-rapporti msemmija fl-Artikolu 9(1) u (6);
 - (d) ir-regoli applikabbli kollha tal-partijiet kollha fl-oqsma koperti mill-istandards.

Għandu jkun fih ukoll l-istess informazzjoni għal parteċipanti volontarji oħra skont l-Artikolu 19.

Artikolu 19

Involviment volontarju tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, minbarra l-partijiet

1. Il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, minbarra l-partijiet, jistgħu jinnotifikaw lill-Korp li huma jixtiequ japplikaw b'mod volontarju s-sett kollu ta' regoli kurrenti u futuri applikabbli għall-persuni, minbarra l-membri tal-persunal tagħhom, li għandhom funzjoni simili għal dawk li jaqgħu taħt l-Artikolu 2.
2. Il-Korp għandu jistieden lill-korp, lill-uffiċċju u lill-aġenzija tal-Unjoni kkonċernati jwettqu awtovalutazzjoni bil-miktub tar-regoli interni tiegħu u l-allinjament tagħhom mal-istandards u jaħtru rappreżentant biex jieħdu sehem fi skambju ta' fehmiet mal-membri tal-Korp. L-Artikolu 9(3) sa (9) għandu japplika kif xieraq.
3. Il-paragrafu 2 għandu japplika *mutatis mutandis* meta l-Korp jiżviluppa standards ġodda jew jaġġorna l-istandards eżistenti.

Artikolu 20

Rieżami

Il-partijiet għandhom jivvalutaw l-implimentazzjoni tal-Ftehim sentejn wara d-dħul fis-seħħ tiegħu, u regolarment wara dan, bil-ħsieb, fejn xieraq, li jtejbu u jsaħħu l-funzjonament tal-Korp jew li jirrieżaminaw il-Ftehim.

Artikolu 21

Dispożizzjonijiet finali

1. Dan il-Ftehim għandu jkun ta' natura vinkolanti għall-partijiet. Għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
2. Il-partijiet għandhom jaġixxu f'kooperazzjoni sinċiera reċiproka fl-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

Magħmul fi (Brussell), [data]

Għall-Parlament Ewropew

...

Għall-Kunsill Ewropew

...

Għall-Kunsill

...

Għall-Kummissjoni Ewropea

...

Għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

....

Għall-Bank Ċentrali Ewropew

....

Għall-Qorti tal-Awdituri

....

Għall-Kumitat Ekonomiku u Soċjali

...

Għall-Kumitat tar-Reġjuni

...